MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 463/1994/1

**Paul Vella, ghan-nom u inrappreżentanza tas-socjeta' Hal Mann Limited**

**vs**

**Andrew Bugeja u Doreen Bugeja, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nomine fis-26 ta' Mejju 1994 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' rham lilhom mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-20 ta' Lulju 1993 u ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Lulju 1993 u tal-Mandat ta' Qbid kontestwalment prezentat, oltre ghall-

imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 1995 fejn il-konvenuti eccepew illi l-ammont pretiz mhux dovut peress li l-irham li tqieghed fid-dar taghhom kellu difetti serji u di piu’ ma tqeghidx skond l-arti u s-sengha.

Rat id-digriet taghha ta’ l-11 ta’ Jannar 1996 fejn il-Qorti nnominat lil AIC Albert Fenech bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat illi minkejja li t-tekniku pprezenta r-rapport tieghu, dana baqa’ mhux miftuh peress illi ma sarx il-hlas tieghu u ghalhekk ma giex mahluf.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Jannar 2003 fejn din il-Qorti ordnat illi jinfethu biss il-kopji tad-deposizzjonijiet tax-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-unika element posittiv f’din il-kawza, illi jista b’xi mod jitfa’ dawl fuq il-kwistjoni, huwa l-access illi nzamm fis-26 ta’ Settembru 1996 fil-fond tal-konvenuti. Ghal dan l-access kien prezenti biss il-konvenut, ghad li l-attur kien debitament informat. Skond dan il-verbal, waqt il-haddiem tas-socjeta’ attrici kien qed iqieghed il-madum, dana ghamillu hsara. Minkejja li gie allegat li din il-hsara setghet titranga, ma sarx hekk u l-hsara baqghet hemm taghti fil-ghajn. Fil-fatt fl-access inghad *“pero’ gara li d-difett ghalkemm zghir u kien gie rrangat, baqa’ jidher u jaghti fil-ghajn”.* Ghalhekk il-konvenuti zammew bilanc ta’ mitt lira (Lm100) bhala kumpens ghad-difett inkwistjoni.

Ghal zmien twil din il-kawza baqghet tigi differita sabiex il-partijiet jaslu fi transazzjoni u jidher illi din it-transazzjoni kienet kwazi ntlahqet, pero’ jidher ukoll illi kien hemm

nuqqas ta’ interess da parti tal-partijiet, biex b’hekk fl-ahhar il-Perit Tekniku tilef il-kuntatt mal-konvenuti.

Minnahha taghhom, l-attur nomine ma gab l-ebda prova. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq il-fatt illi waqt it-tqeghid tal-madum ordnat minghand l-attur nomine u mqieghed minnu, saret hsara illi baqghet tidher nonostante li sar attentat sabiex tissewwa.

Ikkunsidrat:

Illi sitwazzjoni bhal din tinkwadra fl-Artikolu 1640 (3) tal-Kap 16 li jghid: *“jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta’ l-appaltatur u l-valur tax-xoghol wara li jitqieghed qies ta’ l-utilita’ ta’ dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol, kif ukoll id-danni li dan jkun jiswa”.*

Dan ifisser li min jaghmel xoghol hazin, m’ghandhux jippretendi illi jithallas il-prezz intier, imma biss dik is-somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta’ l-appaltatur u l-valur tax-xoghol wara li jitqies l-utilita’ ta’ dawk l-ispejjez u d-danni subiti. F’dan il-kaz jidher illi l-konvenuti hallsu lill-attur nomine somma ta’ flus ghal xoghol li jkun sar, pero’ zammew biss mitt lira (Lm100) bhala danni ghal hsarat subiti.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi meta appaltatur jaccetta kuntratt ta’ xoghol, dana ghandu jiggarantixxi illi x-xoghol isir tajjeb skond l-arti u s-sengha *(ara Anthony Galea vs Raymond Gatt Prim Awla deciza fil-25 ta’ Marzu,1994).* Dana jfisser li x-xoghol ghandu jsir skond l-arti u s-sengha a sodisfazzjon ta’ min jikkummissjona x-xoghol u skond il-ftehim. Jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jigux osservati, allura min jaghti x-xoghol ikollu d-dritt jirredici minn dan il-ftehim u jzomm parti mill-prezz jew addirittura ma jhallas xejn.

F'sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar 1995 fil-kawza Lino Borg vs Anthony u Alice konjugi Buttigieg de Piro, il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet illi *"l-appaltatur mhu intitolat ghal ebda kumpens sakemm ma jottemprax ruhu mal-ftehim ta' l-appalt, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha u skond il-ftehim".* F'dik il-kawza l-Qorti kienet affermat ukoll illi l-appaltatur ma kienx intitolat lanqas ghal xi parti mill-prezz tax-xoghol li jaghmel u dan kemm ghar-raguni illi l-konvenuti ma kienux obbligati li jhallsu xejn qabel jigi esegwit l-appalt skond il-ftehim, kif ukoll ghaliex dana kien gie pruvat illi ebda parti mill-appalt ma sar skond l-arti u s-sengha. F'dan il-kaz ma jidhirx illi jezistu dawn l-estremi. Il-konvenuti qeghdin jilmentaw biss minn parti mix-xoghol u cioe' li waqt li kien qed jitqieghed l-irham, dana gie danneggjat minn haddiem stess, b'mod illi minkejja gie attentat xi tiswijiet, dina l-hsara xorta baqghet tidher. Ghalhekk peress illi l-konvenuti qed jilmentaw li l-attur nomine naqas f'parti mill-appalt tieghu, ghalhekk il-Qorti jidhrilha li huma gustifikati li jzommu lura parti mill-prezz. Din ic-cifra ta' mitt lira (Lm100) fic-cirkostanzi tidher li hija gustifikata, u din il-Qorti sejra tikkonfermaha *"arbitrio boni viri"* peress li m'ghandhiex informazzjoni fuq xhiex tistrieh, ghal dak li jirrigwarda l-prezz ta' l-appalt u l-prezz tat-tiswija. Fi kwalunkwe kaz, skond il-livell ta' ghixien tallum, is-somma ta' mitt lira (Lm100) mhix xi haga kbira u tista facilment tinkwadra fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra hlief li tichad it-talba ta' l-attur nomine, bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------